**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 23 ta' Novembru, 2016**

Numru 5

**Appell Nru. 15/2016**

**Dr Cory Greenland, Ms. Ursula Greenland u Sauveur Baldacchino**

**vs**

**L-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u kjamat in kawza Marthese Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Marthese Micallef tas-27 ta’ Gunju 2016 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-23 ta’ Gunju 2016 dwar il-lanjanza tas-smigh xieraq;

Rat ir-risposti tal-Awtorita u l-appellati li ssottomettew li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni preliminari tat-Tribunal rigward smigh xieraq li tghid hekk:

> Din hija decizjoni preliminari fir-rigward tal-ewwel aggravju fl-appell imsemmi mill-appellanti ossia li quddiem il EPC ma nghatawx l-opportunita' iressqu l-ilmenti taghhom dawn din l-Applikazzjoni.
>
> Il-bazi ta' din ir-raguni hija li ghalkemm il-Bord kien qed isegwi s-smiegh tal-Applikazzjoni b'ordni numeriku, meta giet biex tinstema l-applikazzjoni in mertu ghal xi raguni in numru nqabez u nstemghet applikazzjoni ohra. L-appellanti, li kienu fil-kamra fejn jinstemghu l-applikazzjonijiet, kienu hargu mill-kamra billi, skond l-ordni ta' fuq il-lista, kien ghad jonqos li jinstema n-numru tal-applikazzjoni in mertu. Milli jidher dak li gara kien li kien hemm il-perit tal-applikanti li wara li kien instemghet applikazzjon I ohra, talab jinqabzu n-numru u tinstema l-applikazzjoni in mertu.
>
> Din hija procedura li gieli tigi adottata sahansitra minn dan it-Tribunal. Dan isir sabiex jigu agevolati l-partijiet u l-periti u l-avukati taghhom sabiex ma jkunx hemm hela ta' hin. Huwa importanti pero' meta jsir hekk li It-Tribunal, jew il-Bord skond il-kaz, jaghmel mezz li l-applikazzjoni (jew l-appell fil-kaz ta' dan it-Tribunal) jissejjah anki fil-pubbliku ossia barra l-kamra. Dan huwa ta' importanza massima fejn ghandek registered interested parties – bhal ma hu fil-kaz odjern. Jidher li f'dan il-kaz l-applikazzjoni ma ssejhitx barra l-kamra. Il-EPC ghalhekk zbalja meta, tenut kont tal-fatt li l-lista kienet qed tinqabez, m'ghamilx mezz li kullhadd jissejjah.
>
> Dwar din il-kwistjoni l-abbli avukat tal-permit holder argumenta li hija responsabilita' tal-interested third parties li jaghmlu mezz li jkunu presenti l-hin kollu sabiex ma jkunx hemm il-possibilita' li l-applikazzjoni tigi deciza fl-assenza taghhom. Ghamel riferenza ghal dak li jsir fil-Qrati fejn kull Awla ghandha l-prassi taghha. Jekk persuna ma tkunx presenti meta tinstema l-kawza hija problema li jrid jirrinfaccja dik il-persuna li ma attenditx. Ma hi ta' ebda konfort ghalih li jghid li kien barra l-Awla ghal ftit minuti jew sekondi.
>
> Ghalhekk ir-ragunament tal-Applikant huwa sewwa, hemm differenza fis-sens li fil-Qrati l-kawzi jissejjhu mill-marixxal b'ordni ta' Ligi. Quddiem il-EPC u anki quddiem it-Tribunal is-sitwazzjoni hija kemmxejn differenti.
>
> It-Tribunal gja kellu l-opportunita' jidhol fuq dawn il-meriti (b'fatti differenti) fl-Appell PAB 14/16 fejn ikkonkluda li fuq dawk il-fatti kien il-kaz li l-Appell jintbaghat lura. L-argument tat-Tribunal sar b'riferenza ghal sentenza moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar 2016 52/15/MCH Jevon Vella vs L-Awtorita' fejn, fuq kwistjoni differenti ta' notifika li ma saritx sewwa quddiem l-EPC, il-Qorti ddikjarat is-segwenti:
>
> "It-Tribunal ma segwiex dan ir-ragunament u ma gharafx li la darba lewwel notifika kienet inkwinata, dak kollu li sar wara minghajr avviz car lit-terz hu wkoll mtebba' bl-istess nuqqas. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-approvazzjoni tal-permess fis-6 ta' Settembru 2013 kien affett minn nuqqas li ma jistax jigi sanat bl-ebda mod u t-Tribunal kellu jiehu d-decizjoni necessarja u

inevitabbli li twassal ghal thassir talpermess u smigh gdid tal-applikazzjoni bil-pjanti kollha li gew esebiti u wara tittiehed decizjoni. Hu minnu li kif ssottomettiet l-Awtorita l-pjanti godda gew notifikati b'email lit-terz interessat fil-mori tad-differiment wara l-ewwel seduta pero din il-prova wahedha mhix bizzejjed biex turi illi fil-fatt it-terz kien jaf bis-seduta iffissata u ghalhekk kien konxju tas-seduta u seta' ghamel is-sottomissjonijiet li ried qabel jew waqt is-seduta tas-6 ta' Settembru 2013.

Billi l-Qorti tqis illi dan il-permess ma messu qatt inhareg ghax ma kienx gie segwit id-dettami ta' smigh xieraq f'kull aspett tieghu senjatament u partikolarment dak procedurali, ma hemmx lok li l-Qorti tikkonsidra l-aggravju l-iehor mressaq mill-appellant."

Ghalhekk l-insenjament tal-Qorti tal-Appell huwa li d-dettami ta' smiegh xieraq ghandhom jigu segwiti fl-istadji kollha ta' applikazzjoni. It-Tribunal naturalment irid isegwi dan l-insenjament sabiex kullhadd ikun cert li ma kienx hemm inkwinament procedurali. Din ghandha riflessjoni anki fil-principju ta' ekonomija ta' gudizzju – ikun dejjem ahjar li dan it-Tribunal jidhol fil-meriti propjra ta' applikazzjoni milli jistultifika process minhabba elementi ta' procedura. Ma jiswa ghal hadd li appell jintbaghat lura mill-Qorti tal-Appell minhabba kwistjonijiet ta' procedura li jistghu jigu risolti mod iehor.

Ghalhekk f'dan l-istadju it-Tribunal jilqa limitatament l-Appell, ihassar id-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanaru jordna li l-Applikazzjoni tigi rimessa lura lill-Kummissjoni fl-istadju ta' qabel it-tehid tad-decizjoni b'dana illi ghandha tigi b'mod immedjat avzata data gdida ghas-smigh tal-Applikazzjoni.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant Marthese Micallef hu s-segwenti:

1. It-Tribunal applika hazin il-principju ta' audi alteram partem ghal kaz. L-appellanti kienu pprezentaw l-ogezzjonijiet taghhom bil-miktub, inghataw opportunita li jattendu ghas-smigh u fil-fatt kienu prezenti flimkien mal-konsulenti taghhom fid-data tas-seduti. Dawn jiggustifikaw it-tezi tal-appellanti li d-dritt ta' smigh xieraq gie applikat. Il-fatt li ma kienux prezenti fil-hin tas-smigh tal-appell fuq l-ewwel aggravju mhix htija ta' hadd hlief taghhom. Ma gewx imcahhda milli jaghmlu sottomissjonijet izda naqsu li jaghmulhom. Il-fatt li ssejjah appell li kien jigi wara taghhom qabel instema l-appell taghhom ma hiex gustifikazzjoni li johorgu barra mill-awla. In oltre bhala prova ma jirrizultax illi l-Kummissjoni kellha xi obbligu ssejjah lil xi parti barra mis-sala u ma hemmx prova tal-fatti cioe li fil-fatt ma ssejhux barra mill-awla li wasslu ghal din il-konsiderazzjoni maghmula mit-Tribunal.

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti hi jekk it-Tribunal applikax korrettement wiehed mill-prncipji fondamentali tad-dritt ta' smigh xieraq, cioe d-dritt li kull parti fil-vertenza tinghata l-opportunita li tinstema.

Il-fatti kif sabhom it-Tribunal huma illi l-appellati Greenland et, terzi interessati, ghamlu sottomisjonijiet bil-miktub kontra l-hrug tal-permess mill-applikazzjoni maghmula mill-applikant Marthese Micallef. Huma wkoll gew notifikati bid-data tas-smigh pubbliku tal-applikazzjoni. Ghalhekk zgur li l-elementi ta' amministrazzjoni tajba fil-kamp pubbliku amministrattiv gew osservati. Li sehh pero hu illi fl-udjenza pubblika, l-applikazzjoni ma ssejhitx skond in-numru tal-lista izda nqabzet. It-Tribunal ghogbu jemmen lit-terzi interessati li meta ssejhet l-applikazzjoni li kienu prezenti fis-sala tas-smigh hargu barra mis-sala. Kien fil-hin li kienu barra mis-sala illi l-applikazzjoni giet mismugha minghajr ma hadd avza barra mis-sala illi l-applikazzjoni kienet qed tigi mismugha f'dak il-hin.

Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tissindaka l-evalwazzjoni tal-provi maghmula mit-Tribunal sakemm ma jkunx hemm zball grossolan li wassal ghad-decizjoni. Madankollu l-Qorti tirrimarka li jkun konsiljabbli meta punt ta' ligi jkun qed jigi allacjat ma' element ta' prova naxxenti minn xhieda, mhux semplici kostatazzjoni ta' fatt, dan isir bil-gurament quddiem it-Tribunal. Madankollu t-Tribunal f'dan il-kaz ghazel li jistrieh fuq il-fatti kif allegati mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom bhala prova attendibbli tal-fatt. Il-Qorti ma tqis li ghandha tiddisturba dan l-apprezzament meta ma hemm xejn fl-atti li jikkontradici b'mod lampanti dan l-apprezzament.

Il-Qorti taqbel mal-appellanti illi s-smigh xieraq ma jfissirx necessarjament smigh orali, basta li parti interessata jkollha l-opportunita li tinstema' anki permezz ta' sottomissjonijiet bil-miktub. Pero l-Qorti tqis li darba giet imsejha laqgha pubblika skond ma trid il-ligi tal-ippjanar, u kif jidher li jigri skond il-istess Tribunal, li l-lista ta' applikazzjonijiet ma tigix segwita numru wara l-iehor, il-Kummissjoni ghandha l-obbligu f'gieh it-trasparenza u kondotta amministrattiva gusta u ekwa, illi jkun hemm mekkanizmu li min ikun qed jistenna barra mis-sala fejn jinstemghu l-applikazzjonijet jigi msejjah fil-hin li qed isir is-smigh tat-tali applikazzjoni. Wara kollox hu dak li jigri

fil-Qorti fis-smigh tal-kawzi fejn anki jekk kawza tinstema’ wara l-hin allokat jew ghal xi raguni tkun posposta, meta tissejjah dan isir b’mod miftuh fid-dintorni fejn qed issir il-kawza, barra mill-awla u mhux fl-awla biss. Hekk ikun qed jigi garantit fil-prattika s-smigh xieraq u ma jistax jigi allegat ebda nuqqas minn ebda parti. Il-ligi tal-ippjanar hi siekta fuq din il-kwisjoni pero l-ligi procedurali civili taghti indikazzjoni ta’ prattika gusta. Il-Qorti tqis li dan il-mekkanizmu ta’ xandir pubbliku tas-smigh ta’ applikazzjoni fid-dintorni immedjati ta’ barra s-sala ghandha tkun ir-regola mhux semplici prassi soggettiva jew diskrezzjonali.

Jidher mill-ittra tal-Awtorita lid-difensur tal-appellant tas16 ta’ Mejju 2016 illi ma hemmx anqas hin fiss meta jinstemghu l-kawzi izda biss hin approssimattiv. Il-Qorti tikkwota l-parti relevanti tal-ittra li tghid hekk:

> Nixtieq ninfurmak li l-applikazzjoni in kwistjoni (PA 4435/15) kienet imnizzla fuq l-Agenda bhala in-numru 29. Kif kienu infurmati Dr Cory Greenland u Ursula Greenland permezz ta' l-ittra mibghawta lilhom mill-Awtorita l-applikazzjonijiet quddiem il-Kummissjoni jinstemghu bir-rata ta' bejn hamsa (5) u massimu ta' hmistax (15) fis-siegha. Peress Ii is-seduta tibda fid-9:30am dan ifissir li l-applikazzjoni in kwistjoni kellha tinstema rnhux aktar kmieni mill-10:30am. Infatti l-applikazzjoni giet imsejjha f'nofs in-nhar u ghaxra (12:10am) u meta' din giet imsejjha hadt mir-Registered Objectors ma pprezenta ruhu. Ghalhekk il-Kummissjoni bdiet tisma' l-applikazzjoni.
>
> Skond informazzjoni li ghandi jiena Dr Cory Greenland u Ursula Greenland ipprezentaw ruhhom quddiem il-Kummissjoni wara li l-Kummissjoni kienet diga' hadet decizjoni fuq il-kaz u ghaldaqstant il-Kummissjoni ma setghatx terga tiftah id-diskussjoni fuq il-kaz.

Din l-ittra turi illi l-hin li tinstema applikazzjoni hu wiehed approssimativ hafna u illi t-terzi interessati kienu fil-binja fejn jinstemghu l-applikazzjoni pero pprezentaw ruhhom quddiem il-Kummissjoni meta decizjoni keient gia ttiehdet.

Il-Qorti tqis illi f’dawn ic-cirkostanzi fejn it-Tribunal accetta l-verzjoni tal-fatti kif migjuba mill-apppellanti u illi l-iskop tas-smigh ta’ applikazzjoni hu intiz li jkun pubbliku, ghal aktar trasparenza tal-proceduri kien jinnecessita li smigh ta’ applikazzjoni tigi mghajta fid-dintorni tas-smigh u mhux semplicement billi tinstema u jkun jaf biha biss min jinzerta jkun fis-sala dak il-hin specjalment meta ma hemmx regola ta’ hin fiss tas-smigh b’ordni strettament numeriku. Hu minnu illi l-applikant ukoll qed isofri pregudizzju ta’ dewmien b’dak li gara pero l-Qorti tqis illi l-principju ta’

trasparenza assoluta u 'fairness' fit-tmexxija tal-proceduri ghandu jipprevali fuq kull konsiderazzjoni ohra.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi d-decizjoni tat-Tribunal hi sostanzjalment gusta u l-appell ghandu jigi michud.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Marthese Micallef u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-23 ta' Gunju 2016, billi ssib l-elementi tal-ksur tal-principju tas-smigh xieraq ghar-ragunijiet moghtija, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur